# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001**

**Numru 4**

**Cit. Nru. 942/01 GCD**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**Vs**

**Daniel Felice**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf mija u hamsa u disghin lira (Lm1,195) rapprezentanti import ta' 15-il kambjali, wahda ta' Lm5 (bilanc) u l-ohrajn ta' Lm85-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Marzu 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa;

Illi ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

U illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ Lm1,195 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenut ma ghandux l-ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta’ dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta’ Alfred Formosa;

Talbet illi l-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici U.C.I.M. Co. Ltd. bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm1,195 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax legali li mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala sas-16 ta’ April 2001 jammontaw ghal Lm55, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Marzu 2001 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm